MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 81/2006

Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2007 l-isem tas-socjeta' attrici nbidel ghal GO p.l.c.

Vs

Ronald Agius (Id. 563864M), u b'digriet tat-18 ta' Settembru 2006 giet kjamata in kawza Donna Agius, u b'digriet iehor tas-17 ta' Frar 2009 gie kjamat in kawza Patrick Mooney.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba mija, hamsa u tmenin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm1485.92), in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21642731 u 21376074, u li minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk

kellha ssir din il-kawza.  Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa i. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess socjeta’ attrici; ii. Illi l-konvenut qatt ma ghex u/jew kellu proprjeta’ Portomaso, San Giljan u sahansitra qatt ma uza xi linja ta’ telefon registrat hemmhekk; iii. illi l-konvenut qieghed bhalissa ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni personali minn ma martu Donna Agius quddiem il-Qorti tal-Familja u ilu ma jghix fil-fond St. Catherine Farmhouse, Triq Hal Far, Zurrieq ghal aktar minn tlett snin.  Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tieghu tat-18 ta’ Settembru 2006 fejn ordna li tigi kjamata in kawza Donna Agius.

Ra r-risposta tal-kjamata in kawza Donna Agius li eccepiet illi i. hija m’hiex il-legittima kontradittrici f’din il-kawza billi qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici; ii. illi huwa l-konvenut Ronald Agius li ghandu relazzjoni kontrattwali u diretta mas-socjeta’ attrici u ma jistax juza din il-kawza fejn huwa ghandu *locus standi* ta’ konvenut halli jitlob flus minghand Donna Agius; iii. illi fi kwalunkwe kaz il-pretensjoni hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta’ April 2007 fejn Dr. Keith Grech ghas-socjeta’ attrici ddikjara sollennement li l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici kien ghadu dovut u ma kienx ghadu thallas.

Sema x-xhieda tal-konvenut Ronald Agius.

Sema’ x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda tal-kjamata in kawza Donna Agius prodotta mill-konvenut.

Ra d-Digriet tieghu tas-17 ta’ Frar 2009 fejn ordna li jigi kjamat in kawza Patrick Mooney.

Ra li alavolja Patrick Mooney gie debitament imharrek, huwa naqas milli jipprezenta r-risposta tieghu fiz-zmien stipulat mill-ligi.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tas-socjeta’ attrici u tal-konvenut Ronald Agius.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi t-talba attrici ghall-hlas ta’ l-ammont minnha mitluba tirrigwarda zewg servizzi telefonici separati, u cioe dak is-servizz bin-numru 21642731, liema servizz gie installat fil-fond St. Catherine Farmhouse, Triq Hal Far, Zurrieq, u s-servizz bin-numru 21376074, li gie installat fl-indirizz Appartment 1952, gewwa Portomaso.

Illi jirrizulta car mid-dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici li dawn iz-zewg servizzi telefonici kien applika ghalihom il-konvenut Ronald Agius bil-karta tal-identita’ numru 563864(M), u kien hu li ffirma z-zewg kuntratti tas-socjeta’ attrici ghall-oghti taz-zewg servizzi telefonici separati.

Illi fir-rigward tas-servizz telefoniku bin-numru 21642731, il-konvenut stess xehed li dan huwa n-numru tat-telefon li kien jinsab fil-fond St. Catherine Farmhouse, Triq Hal Far, Zurrieq, u cioe d-dar matrimonjali tieghu u tal-mara tieghu, l-kjamata in kawza Donna Agius. Peress li hu u Donna Agius kienu ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni personali, huwa ma baqax jghix hemm u telaq fil-2003. Fil-fatt hemmhekk baqghet tirrisjedi biss Donna Agius. Skond il-konvenut il-kont imsemmi fl-Avviz tat-talba jikkoncerna s-sena 2004 meta huwa ma kienx qieghed jirrisjedi fid-dar matrimonjali. L-istess konvenut ikkonferma li l-proceduri ta’ separazzjoni bejnu u martu Donna Agius ghadhom pendenti.

Il-kjamata in kawza Donna Agius ukoll ikkonfermat li l-partijiet ghadhom ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni u li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali fis-sena 2003.

Illi in kwantu s-servizz b’dan in-numru 21642731, it-Tribunal jidhirlu li gjaladarba huwa l-konvenut li applika u ffirma l-kuntratt mas-socjeta’ attrici jibqa dejjem hu responsabbli ghal tali servizz u ovvjament ghall-kontijiet relatati ma dan is-servizz.  Dana jinghad specjalment ghaliex ma hemm l-ebda prova li l-konvenut talab biex dan is-servizz jinqaleb minn fuq ismu ghal fuq isem haddiehor.

Il-fatt li t-telefonati setghu saru mill-kjamata in kawza m’ghandha l-ebda relevanza ghall-kawza odjerna ghaliex ir-relazzjoni guridika tas-socjeta’ attrici kienet u baqghet dejjem mal-konvenut biss, u ghalhekk jibqa hu responsabbli ghal-hlas tal-kontijiet mas-socjeta’ attrici. Dan ovvjament jinghad dejjem bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt li jista’ jkollu l-istess konvenut fil-konfront tal-kjamata in kawza Donna Agius fil-proceduri ta’ separazzjoni fejn ghad trid tigi xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi fir-rigward tas-servizz telefoniku bin-numru 21376074, liema servizz gie istallat fl-appartament 1952 gewwa Portomaso, hemm qbil li dan l-appartament jappartjeni lill-missier il-kjamata in kawza, u cioe Patrick Mooney.

Illi alavolja Patrick Mooney gie kjamat in kawza huwa ma pprezenta l-ebda risposta fit-terminu stabilit mill-ligi. Jinghad wkoll illi hadd mill-partijiet ma pproduca lill-Patrick Mooney sabiex jixhed, kif kellhom kull dritt li jaghmlu.

Jirrizulta li anki fir-rigward ta’ dan is-servizz, kien il-konvenut li applika u ffirma l-kuntratt mas-socjeta’ attrici sabiex jinghata dan is-servizz.  Anki hawn ma tirruzulta l-ebda prova li s-servizz inqaleb minn fuq isem il-konvenut ghal fuq isem Patrick Mooney.

Il-fatt li l-kjamata fil-kawza u l-konvenut qablu li l-kontijiet li jirrigwardaw dan is-servizz ghandhom jithallsu minn Patrick Mooney, ma jaghmel l-ebda stat fil-konfront tas-socjeta' attrici, u din ta' l-ahhar gustament issottomettiet li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma Patrick Mooney. Apparti li ftehim bejn zewg partijiet fejn jaqblu li terz ghandu jhallas ma tikkostitwix prova kif titlob il-ligi, s-socjeta' attrici ghandha ragun tinsisti li ghandha relazzjoni guridika biss mal-konvenut Ronald Agius, u li ghalhekk il-kont in kwistjoni ghandu jithallas minnu. Dana wkoll jinghad bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt li jista' jkollu Ronald Agius fil-konfront ta' Patrick Mooney.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:

1. Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;
2. Jilqa l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza Donna Agius;
3. Jichad it-tielet eccezzoni tal-kjamata in kawza Donna Agius;
4. Jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut Ronald Agius ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, erba mija, wiehed u sittin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3,461.26), (ekwivalenti ghal Lm1485.92 kif mitluba fl-Avviz), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.
5. Fic-cirkostanzi, l-ispejjes kollha tal-kawza hlief ghal dawk tal-kjamati in kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut. Kull wiehed mill-kjamati in kawza ghandu jbaghti l-ispejjes tieghu.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------